C/2025/1841

1.4.2025

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2025/1841)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Saint-Amour"

PDO-FR-A1028-AM03

Data tal-komunikazzjoni: 6.1.2025

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. Żona ġeografika

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima IV, il-punt 1, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, in-numru "2019" hu sostitwit bin-numru "2022".

Din l-emenda editorjali tippermetti li ż-żona ġeografika tiġi identifikata b'referenza għall-verżjoni fis-seħħ fl-2022 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE, u għalhekk, li jiġi żgurat li ż-żona ġeografika tkun legalment demarkata.

Il-punt 6 tad-Dokument Uniku ġie emendat.

2. Żona fil-viċinanza immedjata

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima IV, il-punt 3, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, in-numru "2019" hu sostitwit bin-numru "2022".

Din l-emenda editorjali tippermetti li ż-żona fil-viċinanza immedjata tiġi identifikata b'referenza għall-verżjoni fis-seħħ fl-2022 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE.

Iż-żieda ta' din ir-referenza tipprovdi ċertezza legali għad-demarkazzjoni taż-żona fil-viċinanza immedjata.

Il-lista tal-muniċipalitajiet li jiffurmaw iż-żona fil-viċinanza immedjata u l-ismijiet tagħhom ġew aġġornati mingħajr ma nbidel il-perimetru taż-żona, sabiex jitqiesu l-bidliet amministrattivi li saru.

L-intestatura "Rekwiżiti addizzjonali" tad-Dokument Uniku ġiet emendata.

3. Densità tat-tħawwil

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VI, il-punt 1(a) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, żdiedu dispożizzjonijiet speċifiċi għad-dwieli mtarrġa taħt l-intestatura "Dispożizzjonijiet speċjali":

Sabiex tiġi ffaċilitata l-mekkanizzazzjoni tal-irqajja' fuq għoljiet weqfin ħafna, il-vitikulturi jixtiequ li jkunu jistgħu joħolqu għelieqi mtarrġa. Billi r-regoli ġenerali dwar id-densità mhumiex adattati għal dan il-metodu ta' kultivazzjoni tad-dwieli, fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott żdiedu dispożizzjonijiet speċifiċi, approvati mill-kumitat nazzjonali kompetenti tal-INAO.

Id-Dokument Uniku ġie emendat taħt l-intestatura "Prattiki enoloġiċi speċifiċi".

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

4. **Regoli dwar l-għoli tal-faxxina**

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VI, il-punt 1(c) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, żdiedet regola dwar l-għoli tal-faxxina speċifika għad-dwieli mtarrġa, li ma għandhomx wisa' definita bejn il-flanni.

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

5. **Projbizzjoni fuq l-użu ta' ħamrija li ma tiġix miż-żona demarkata**

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VI, il-punt 2, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, saru l-emendi li ġejjin:

— Żdied paragrafu ġdid (a) li jipprojbixxi l-użu ta' ħamrija li ma tiġix miż-żona demarkata fuq l-irqajja' koperti mid-denominazzjoni.

Ġie speċifikat li l-ħamrija li ma tiġix miż-żona demarkata tfisser il-ħamrija li ma tiġix mir-roqgħa art demarkata tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Saint-Amour.

— Il-paragrafu (a) eżistenti għandu jsir il-paragrafu (b).

Id-Dokument Uniku mhuwiex affettwat minn dawn l-emendi.

6. **Trattament bl-ilma sħun**

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VI, il-punt 2, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, saru l-emendi li ġejjin:

— Il-paragrafu (b) eżistenti għandu jsir il-paragrafu (c).

— Il-paragrafu (c) huwa emendat kif ġej: "It-trattament bl-ilma sħun tal-pjanti standard u tal-pjanti minn mixtliet privati huwa obbligatorju."

Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għar-regola l-ġdida definita mill-Kumitat Nazzjonali kompetenti tal-INAO għall-ġlieda kontra l-iżvilupp tal-flavescence dorée. L-għan tagħha huwa li tillimita l-possibbiltajiet ta' trattament bl-ilma sħun biss sabiex jiġu pprojbiti trattamenti alternattivi li ma joffrux l-istess garanziji f'termini ta' effettività.

Id-Dokument Uniku mhuwiex affettwat minn dawn l-emendi.

7. **Rendiment u rendiment immirat**

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VIII, il-punt 1, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, saru l-emendi li ġejjin:

— Id-dispożizzjonijiet eżistenti huma stabbiliti fil-paragrafu msemmi (a);

— Żdied il-paragrafu (b) li jistabbilixxi r-regola għall-kalkolu tar-rendiment awtorizzat għad-dwieli mtarrġa. Ir-rendiment massimu ta' dawn id-dwieli mħawla fuq art imtarrġa jikkorrispondi għal dak definit fil-paragrafu (a).

Id-Dokument Uniku mhuwiex affettwat minn dawn l-emendi.

8. **Miżuri tranżitorji**

Il-Kapitolu I, it-Taqsima XI, il-punt 1(a), tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, li jikkorrispondi għall-miżura tranżitorja dwar id-densità minima tat-tħawwil, ġie emendat.

L-awtorizzazzjoni għall-qlugħ parzjali tad-dwieli li kienet fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2004 ġiet estiża mill-2015 sal-2031. Japplika koeffiċjent ta' tnaqqis speċifiku għad-dwieli li se jerġgħu jinqalgħu. L-għan huwa li jitħaffef ir-ristrutturar tal-vinji f'kuntest ekonomiku diffiċli li ma jippermettix tħawwil mill-ġdid fuq skala kbira u li tiġi ffaċilitata l-mekkanizzazzjoni tal-vinji u b'hekk jitnaqqas l-użu tal-glifosat.

Id-Dokument Uniku mhuwiex affettwat minn dawn l-emendi.

9. **Obbligi ta' dikjarazzjoni**

Fil-Kapitolu II, it-Taqsima I, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, saru l-emendi li ġejjin:

— Fil-punti 2, 3, 5, 6, id-dispożizzjonijiet dwar l-iskadenzi għall-obbligi ta' rapportar ġew emendati biex ikun aktar faċli li jitwettqu l-kontrolli.

— Fil-punt 2, ġie speċifikat li l-kunsinna tal-prodotti tista' sseħħ biss wara li tingħata risposta għal din id-dikjarazzjoni mill-korp ta' kontroll approvat.

— Fil-punt 4, is-sistema ta' dikjarazzjonijiet sommarji trimestrali tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punti 3 u 6 issa hija disponibbli irrispettivament mill-volumi jew mill-għadd ta' tranżazzjonijiet imwettqa mill-operaturi. Ġie speċifikat li dawn id-dikjarazzjonijiet sommarji għandhom jintbagħtu lill-korp ta' kontroll mhux aktar tard minn 10 ijiem wara li jintemm it-trimestru.

— Fil-punt 5, ġie speċifikat li l-kunsinni ta' nbid mhux imballat maħsuba biex jintbagħtu barra mit-territorju nazzjonali jistgħu jseħħu biss wara li tkun waslet tweġiba favorevoli għad-dikjarazzjoni dwar id-dispaċċ 'il barra mit-territorju nazzjonali mill-korp ta' kontroll approvat.

— Fil-punt 6, ġew miżjuda dettalji dwar id-dikjarazzjoni tal-klassifikazzjoni mill-ġdid.

— Fil-punt 9, saru emendi biex jiġu speċifikati l-operazzjonijiet awtorizzati b'rabta mar-riorganizzazzjoni tal-irqajja' art.

Id-Dokument Uniku mhuwiex affettwat minn dawn l-emendi.

10. **Referenzi għall-istruttura ta' kontroll**

Fil-Kapitolu III, it-Taqsima II, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, il-korp ta' kontroll imsemmi ġie sostitwit.

L-ewwel paragrafu ġie emendat u t-tieni paragrafu tħassar biex jissodisfa r-regoli editorjali l-ġodda.

Id-Dokument Uniku mhuwiex affettwat minn din l-emenda.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Saint-Amour

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP - Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-nomenklatura magħquda*

— 22 — XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 — Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

DESKRIZZJONI QASIRA

Dawn huma nbejjed ħomor xotti u bla gass. L-inbejjed għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 10,5 %. Wara l-arrikkiment, il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum tal-inbejjed ma tridx taqbeż it-13 %. Fl-istadju tal-imballaġġ, l-inbejjed ikollhom kontenut massimu ta' aċidu maliku ta' 0,4 grammi għal kull litru. L-inbejjed finali, lesti biex jiġu kkunsmati, ikollhom l-istandards analitiċi li ġejjin: Kontenut massimu ta' zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożju): 3 grammi għal kull litru. Il-kriterji analitiċi l-oħra jsegwu l-valuri stabbiliti mil-

leġiżlazzjoni Ewropea. L-inbejjed prodotti għal konsum rapidu għandhom kulur aħmar jgħajjat lewn ir-rubin. Huma mimlija, rotob, b'togħma ta' frott, oriġinali u kumplessi. Dawn l-inbejjed eleganti jiżviluppaw aromi sottili u delikati ta' frott aħmar, ta' fjuri, u kultant ta' frott tas-siġar. L-inbejjed maħsuba għal ħażna itwal għandhom kulur intens li jvarja minn vjola għal lewn il-granata skur. Bħala riħa, spiss jippreżentaw aromi ta' kirsch u ta' ħwawar. L-istruttura fil-palat hija ġeneruża, żejtnija u robusta b'bilanċ bejn il-qawwa, il-kumplessità u l-eleganza.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) —

— Aċidità totali minima —

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) 14,17

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) —

5. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1. Prattika enoloġika speċifika

— L-użu taċ-ċana huwa pprojbit.

— L-inbejjed ma jaqbżux il-qawwa alkoħolika totali skont il-volum ta' 13 % wara l-arrikkiment.

— It-tekniki sottrattivi tal-arrikkiment (TSE) huma permessi sa rata ta' konċentrazzjoni ta' 10 %.

— Dawn l-inbejjed għandhom jitqaddmu mill-inqas sal-15 ta' Jannar tas-sena ta' wara dik tal-ħsad.

Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, f'dak li għandu x'qasam mal-prattiki enoloġiċi, l-inbejjed għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-livell tal-UE kif ukoll fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

2. Prattika tal-kultivazzjoni

— Densità tat-tħawwil

Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 6 000 pjanta għal kull ettaru.

Il-wisa' bejn il-flanni ta' dawn id-dwieli hija ta' 2,10 metri jew inqas, u l-wisa' bejn il-pjanti fl-istess ringiela hija ta' 0,80 metru jew aktar.

Minħajr ħsara għad-densità minima ta' 6 000 pjanta għal kull ettaru, għal skopijiet ta' mekkanizzazzjoni, il-vinji jistgħu jitħawlu b'wisa' bejn ir-ringieli ta' 3 metri jew inqas.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għad-dwieli mħawla fuq art imtarrġa. Bi dwieli mħawla fuq art imtarrġa nifhmu roqgħa art li tibbenefika minn żvilupp speċifiku tal-pajsaġġ marbut mal-inklinazzjoni eżistenti. Dan il-pajsaġġ imtarraġ iwassal biex ma jiġux applikati r-regoli tad-densità tat-tħawwil u l-użu tal-magni tal-ħsad mekkanizzati bejn livell u ieħor huwa impossibbli.

Għall-irqajja' art tad-dwieli mħawla f'art imtarrġa, il-wisa' bejn il-bażi fuq l-istess ringiela hija ta' 0,80 metru jew iktar.

3. Prattika tal-kultivazzjoni

— Regoli taż-żbir

— Iż-żbir jitlesta fil-15 ta' Mejju;

— L-inbejjed jiġu minn dwieli miżbura b'żabra qasira (mħarrġa f'forma ta' goblet, ta' mrewħa jew bis-sistema tal-cordon Royat sempliċi, doppju jew "charmet") b'massimu ta' 10 għejun għal kull pjanta;

— Kull pjanta jkollha minn tlieta sa ħames friegħi b'massimu ta' żewġ għejun kull waħda; f'każ ta' tixtil, kull pjanta jista' jkollha wkoll fergħa b'massimu ta' żewġ għejun miżbura fuq żarġun li jkun kiber miz-zokk qadim;

— Waqt iż-żbir tat-tħarriġ jew waqt il-bdil fil-metodu ta' żbir, id-dwieli jinżabru b'massimu ta' 12-il għajn għal kull pjanta.

It-tisqija hija pprojbita.

— Dispożizzjonijiet dwar il-ħsad bil-magni

— L-għoli tal-ħsad fil-kontenituri għat-trasport mir-roqgħa art għall-kantina tal-inbid, ma jridx ikun aktar minn 0,50 metru;

— Il-kontenituri jridu jkunu ta' materjal sod u tajjeb għall-prodotti tal-ikel;

— Il-materjal tal-ħsad u tat-trasport tal-ħsad irid ikollu sistema ta' skular tal-ilma jew ta' protezzjoni xierqa.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

61 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taz-żona demarkata**

Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed isiru fit-territorju tal-muniċipalità li ġejja tad-département ta' Saône-et-Loire, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2022: Saint-Amour-Bellevue.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid/jinkisbu l-inbejjed**

Gamay N

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

8.1. *Deskrizzjoni tal-fatturi naturali rilevanti tar-rabta*

Iż-żona ġeografika tinfirex fuq il-ġenb tal-Lvant tat-Tramuntana tal-Monts du Beaujolais, 12-il kilometru fil-Lbiċ ta' Mâcon, u 30 kilometru fit-Tramuntana ta' Villefranche-Sur-Saône.

B'hekk testendi fuq it-territorju tal-muniċipalità unika ta' Saint-Amour-Bellevue, fin-Nofsinhar tad-département ta' Saône-et-Loire.

Prinċipalment tokkupa l-għoljiet tal-Lvant ta' Mont de Bessay (altitudni ta' 478 metru), u Colline de l'Eglise (altitudni ta' 310 metri), li jinżlu bil-mod lejn il-pjanura ta' Saône. Il-pajsaġġ huwa bl-għoljiet. Fuq naħa waħda, għoljiet moderati li jagħtu fuq il-villaġġ, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm għoljiet inqas weqfin u art imtarrġa.

Il-biċċa l-kbira taż-żona ġeografika sserraħ fuq substrat tal-granit li, minħabba deterjorament, ta lok għal ramel tas-silika aħrax magħruf lokalment bħala "ġebel ramli" jew "gore". F'xi postijiet, fost ħamrija iżjed fina u taflija, prodotti tal-alterazzjoni, hemm abbundanza ta' skisti tal-majka. Fuq in-naħa tal-Mont de Bessay, id-deterjorament tal-blat ramli tat-Trias wassal għal ħamrija ramlija fqira ħafna. Iktar 'l isfel fuq l-għolja, l-iskisti jalternaw ma' ħamriji aktar taflin.

Il-partijiet tal-Lvant u tan-Nofsinhar taż-żona ġeografika huma bbażati fuq materjal ta' kolluvjoni jew koni alluvjali mill-blat granitiku u triażiku miż-żona tal-madwar.

Iż-żona demarkata għall-ħsad tal-għeneb hija magħmula minn irqajja' b'ħamrija żviluppata, prinċipalment, fuq prodotti li jalternaw bejn il-granit u l-ġebel ramli: fuq l-għoljiet l-iktar weqfin hemm ħamriji bi kwalitajiet ta' filtrazzjoni tajbin ħafna, filwaqt li fuq il-materjal ta' kolluvjoni u l-koni alluvjali tal-għoljiet baxxi hemm ħamrija taflija u siliċika li fil-wiċċ għandha l-ġebel. Dawn l-irqajja' jinfirxu f'altitudnijiet ta' bejn 250 metru u 380 metru, b'esponimenti prinċipalment lejn il-Levant.

Il-klima oċeanika degradata hija soġġetta għal influwenzi kontinentali u tan-Nofsinhar (sħana fis-sajf, massimu ta' xita fil-ħarifa u fir-rebbiegħa). Din il-klima kuntrastanti, bi sħana qawwija fis-sajf, li ħafna drabi ddum sal-ħarifa, hija ta' benefiċċju kbir għad-dielja.

Il-Monts du Beaujolais għandhom rwol essenzjali fil-protezzjoni mill-irjieħ li ġejjin mill-Punent, u b'hekk itaffu l-influwenza tal-oċean. L-effett "Foehn" li jinħoloq minnhom, inixxef l-arja umda, u fl-istess ħin iżid id-dawl u jnaqqas ix-xita.

Il-wied il-kbir tas-Saône għandu wkoll rwol importanti fl-ottimizzazzjoni tal-interċettazzjoni tad-dawl u fil-mitigazzjoni tal-varjazzjonijiet fit-temperatura.

8.2. *Deskrizzjoni tal-fatturi umani rilevanti għar-rabta*

Fil-286, f'Saint-Maurice-en-Valais, leġjunarju Rumen bl-isem AMOR, ħarab minn massakru li fih ħafna minn sħabu sfaw vittmi. Bħala refuġjat f'Gaule, is-suldat sar missjunarju u ta ismu lill-villaġġ ta' Saint-Amour.

Il-vinja esperjenzat tkabbir reali, mill-aħħar tas-seklu ħmistax, bis-saħħa tal-borgeżija ta' Lyon, li stagħniet bl-industrija tal-ħarir u bil-banek. Il-kummerċ tal-inbejjed fir-reġjun tal-Beaujolais kompla jiżviluppa matul is-seklu tmintax u dan wassal għal tibdil kbir fil-vinja. Il-proprjetajiet il-kbar inqasmu skont is-sistema tal-"mezzadrija" tip ta' pussess tal-art, li għadha preżenti fiż-żona ġeografika.

Matul it-tletinijiet, imħeġġa mit-twemmin u mill-passjoni ta' Louis Dailly, l-"Unjoni tal-Produtturi" ppreżentat il-każ għar-rikonoxximent tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata, li waslet għad-digriet tat-8 ta' Frar 1946.

Il-vinja hija ddedikata esklussivament għall-produzzjoni tal-inbejjed ħomor magħmula prinċipalment mill-varjetà gamay N.

Il-produtturi, li dejjem ifittxu nbid ta' kwalità, tgħallmu kif jikkontrollaw it-tkabbir tagħha, b'mod partikolari bl-użu ta' densità ta' tħawwil għolja u b'żabra qasira, u bi tħarriġ prinċipalment f'forma ta' goblet.

Sabiex l-għeneb isir sew, il-produtturi jiżguraw li l-kanupew ikun miftuħ biżżejjed. B'dan il-mod, id-dwieli jistgħu jiġu mħarrġa fuq kannizzati fissi, li jippermettu wkoll l-użu tal-magni.

Sabiex tiġi żgurata l-aħjar estrazzjoni tal-komposti aromatiċi u polifenoliċi mill-għeneb, bosta produtturi jużaw tekniki li jikkonsistu fl-immersjoni tal-għeneb fil-meraq, waqt il-fermentazzjoni. Dawn it-tekniki jiżguraw estrazzjoni tajba, filwaqt li jippreservaw il-karattru tal-frott tal-inbejjed. Peress li l-varjetà gamay N hija sensittiva għall-ossidazzjoni, il-produtturi qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jirrispettaw l-integrità tal-għeneb u jittrasportawh malajr lejn il-kantina.

Xi drabi l-produtturi jqassru ż-żmien tal-maċerazzjoni biex jagħmlu nbejjed eħfef, li jistgħu jiġu apprezzati malajr.

F'konformità mal-użanzi, il-produtturi jħobbu jiżolaw l-għeneb maħsud mill-aħjar irqajja', u jpoġġu l-ismijiet tal-aktar lokalitajiet famużi fuq it-tikketti tal-inbid.

Fl-1838, mill-509 ettari tat-territorju tal-muniċipalità, 268 tħawlu bid-dwieli. Dawn iċ-ċifri ftit li xejn inbidlu, b'vinji li jkopru erja ta' madwar 300 ettaru fl-2010. Il-produzzjoni annwali medja hija ta' 12 000 ettolitru, prodott minn 160 produttur. Il-bejgħ dirett mill-proprjetà jammonta għal 17 % tal-volumi.

8.3. *Rabtiet kawżali*

It-tħawwil tal-vinji f'nofs l-għoljiet, li huma protetti mill-Punent mill-"Monts du Beaujolais", ifisser li jevitaw sew il-ġlati tar-rebbiegħa u ċ-ċpar filgħodu fuq il-pjanura ta' Saône. Bis-saħħa ta' din il-pożizzjoni jgawdu wkoll minn dawl tax-xemx ottimali filwaqt li l-għoljiet jiżguraw li l-eċċess tal-ilma tax-xita żejjed jiskula malajr.

Il-ftuħ tas-sit fuq il-pjanura vasta tas-Saône jiżgura dawl favorevoli għall-attività klorofilljana tad-dielja. Il-pożizzjoni ta' altitudni moderata u l-espożizzjoni għan-Nofsinhar jiggarantixxu l-maturità ottimali u regolari tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbejjed bi sfumaturi oriġinali u b'kumplessità aromatika ġmielha.

L-irqajja' demarkati għall-ħsad tal-għeneb joffru ħamrija taflija tas-silika żviluppata fuq substrat ta' granit. Din hija fqira u għandha kwalitajiet ta' filtrazzjoni tajbin, tagħti produzzjoni raġonevoli tal-għeneb, u tinfluwenza l-oriġinalità tat-togħma tal-inbejjed.

F'dawn il-kundizzjonijiet ġeografiċi partikolari, il-produtturi żviluppaw, matul il-ġenerazzjonijiet, tekniki li bis-saħħa tagħhom jiġi sfruttat l-aħjar potenzjal tal-varjetà gamay N, li hija partikolarment adattata tajjeb għall-klima u l-ħamrija li tirriżulta mill-areni tal-granit.

L-għarfien tagħhom jidher, f'konformità mal-użanzi, fil-prattika taż-żabra qasira bil-friegħi, bi tħarriġ f'forma ta' goblet, id-densitajiet għoljin tat-tħawwil, il-prattiki tal-kultivazzjoni li jillimitaw l-erożjoni tal-ħamrija, u t-tekniki tal-vinifikazzjoni adattati, bl-għan li tiġi prodotta materja prima rikka fil-kulur, filwaqt li jiġu ggarantiti l-finezza, u t-togħma ta' frott tal-inbejjed.

Permezz tal-irqajja' b'ħamrija fformata fuq ramel triażiku, speċjalment fuq il-ġnub tal-Mont de Bessay, huwa possibbli li jiġu prodotti nbejjed pjuttost tanniċi. Minn naħa l-oħra, l-irqajja' fuq in-naħat ta' isfel tal-għoljiet b'ħamrija aktar taflija u siliċika jipproduċu nbejjed aktar ħfief.

L-inbejjed ta' Saint-Amour dejjem kienu apprezzati u jgawdu minn reputazzjoni b'saħħitha. Fit-"Topographie de tous les vignobles connus" tiegħu, Jullien, fl-1816, jikklassifika l-inbejjed ta' Saint Amour bħala tar-"raba' klassi".

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed, tikkonsisti mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2022:

— id-département tal-Côte-d'Or:

Agencourt, Aloxe-Corton, Ancey, Arcenant, Argilly, Autricourt, Auxey-Duresses, Baubigny, Beaune, Belan-sur-Ource, Bévy, Bissey-la-Côte, Bligny-lès-Beaune, Boncourt-le-Bois, Bouix, Bouze-lès-Beaune, Brion-sur-Ource, Brochon, Cérilly, Chamboeuf, Chambolle-Musigny, Channay, Charrey-sur-Seine, Chassagne-Montrachet, Châtillon-sur-Seine, Chaumont-le-Bois, Chaux, Chenôve, Chevannes, Chorey-lès-Beaune, Collonges-lès-Bévy, Combertault, Comblanchien, Corcelles-les-Arts, Corcelles-les-Monts, Corgoloin, Cormot-Vauchignon, Corpeau, Couchey, Curley, Curtil-Vergy, Daix, Dijon, Ebaty, Echevronne, Epernay-sous-Gevrey, L'Etang-Vergy, Etrochey, Fixin, Flagey-Echézeaux, Flavignerot, Fleurey-sur-Ouche, Fussey, Gerland, Gevrey-Chambertin, Gilly-lès-Cîteaux, Gomméville, Grancey-sur-Ource, Griselles, Ladoix-Serrigny, Lantenay, Larrey, Levernois, Magny-lès-Villers, Mâlain, Marcenay, Marey-lès-Fussey, Marsannay-la-Côte, Massingy, Mavilly-Mandelot, Meloisey, Merceuil, Messanges, Meuilley, Meursanges, Meursault, Molesme, Montagny-lès-Beaune, Monthelie, Montliot-et-Courcelles, Morey-Saint-Denis, Mosson, Nantoux, Nicey, Noiron-sur-Seine, Nolay, Nuits-Saint-Georges, Obtrée, Pernand-Vergelesses, Perrigny-lès-Dijon, Plombières-lès-Dijon, Poinçon-lès-Larrey, Pommard, Pothières, Premeaux-Prissey, Prusly-sur-Ource, Puligny-Montrachet, Quincey, Reulle-Vergy, La Rochepot, Ruffey-lès-Beaune, Saint-Aubin, Saint-Bernard, Saint-Philibert, Saint-Romain, Sainte-Colombe-sur-Seine, Sainte-Marie-la-Blanche, Santenay, Savigny-lès-Beaune, Segrois, Tailly, Talant, Thoires, Valforêt (għall-parti biss li tikkorrispondi għat-territorju tal-muniċipalità antika ta' Clémencey), Vannaire, Velars-sur-Ouche, Vertault, Vignoles, Villars-Fontaine, Villebichot, Villedieu, Villers-la-Faye, Villers-Patras, Villy-le-Moutier, Vix, Volnay, Vosne-Romanée, Vougeot

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed, tikkonsisti mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2022:

— id-département tar-Rhône:

Alix, Anse, L'Arbresle, Les Ardillats, Arnas, Bagnols, Beaujeu, Belleville-en-Beaujolais, Belmont-d'Azergues, Blacé, Le Breuil, Bully, Cercié, Chambost-Allières, Chamelet, Charentay, Charnay, Chasselay, Châtillon, Chazay-d'Azergues, Chénas, Chessy, Chiroubles, Cogny, Corcelles-en-Beaujolais, Dardilly, Denicé, Deux Grosnes (għall-parti li tikkorrispondi għat-territorju tal-muniċipalità antika ta' Avenas biss), Dracé, Emeringes, Fleurie, Fleurieux-sur-l'Arbresle, Frontenas, Gleizé, Juliénas, Jullié, Lacenas, Lachassagne, Lancié, Lantignié, Légny, Létra, Limas, Lozanne, Lucenay, Marchampt, Marcy, Moiré, Montmelas-Saint-Sorlin, Morancé,, Odenas,, Le Perréon, Pommiers, Porte des Pierres Dorées, Quincié-en-Beaujolais, Régnié-Durette, Rivolet, Sain-Bel, Saint-Clément-sur-Valsonne, Saint-Cyr-le-Chatoux, Saint-Didier-sur-Beaujeu, Saint-Etienne-des-Oullières, Saint-Etienne-la-Varenne, Saint-Georges-de-Reneins, Saint-Germain-Nuelles, Saint-Jean-des-Vignes, Saint-Julien, Saint-Just-d'Avray, Saint-Lager, Saint-Romain-de-Popey, Saint-Vérand, Sainte-Paule, Salles-Arbuissonnas-en-Beaujolais, Sarcey, Taponas, Ternand, Theizé, Val d'Oingt, Vaux-en-Beaujolais, Vauxrenard, Vernay, Villefranche-sur-Saône, Ville-sur-Jarnioux, Villié-Morgon, Vindry-sur-Turdine (għall-parti li tikkorrispondi għat-territorji tal-muniċipalitajiet antiki ta' Dareizé, Les Olmes u Saint-Loup biss)

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed, tikkonsisti mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2022:

— id-Département ta' Saône-et-Loire:

Aluze, Ameugny, Azé, Barizey, Beaumont-sur-Grosne, Berzé-la-Ville, Berzé-le-Châtel, Bissey-sous-Cruchaud, Bissy-la-Mâconnaise, Bissy-sous-Uxelles, Bissy-sur-Fley, Blanot, Bonnay, Bouzeron, Boyer, Bray, Bresse-sur-Grosne, Burgy, Burnand, Bussières, Buxy, Cersot, Chagny, Chaintré, Chalon-sur-Saône, Chamilly, Champagny-sous-Uxelles, Champforgeuil, Chânes, Change, Chapaize, La Chapelle-de-Bragny, La Chapelle-de-Guinchay, La Chapelle-sous-Brancion, Charbonnières, Chardonnay, La Charmée, Charnay-lès-Mâcon, Charrecey, Chasselas, Chassey-le-Camp, Château, Châtenoy-le-Royal, Chaudenay, Cheilly-lès-Maranges, Chenôves, Chevagny-les-Chevrières, Chissey-lès-Mâcon, Clessé, Cluny, Cormatin, Cortambert, Cortevaix, Couches, Crêches-sur-Saône, Créot, Cruzille, Culles-les-Roches, Curtil-sous-Burnand, Davayé, Demigny, Dennevy, Dezize-lès-Maranges, Donzy-le-Pertuis, Dracy-le-Fort, Dracy-lès-Couches, Epertully, Etrigny, Farges-lès-Chalon, Farges-lès-Mâcon, Flagy, Fleurville, Fley, Fontaines, Fragnes-La-Loyère (għall-parti li tikkorrispondi għat-territorju tal-muniċipalità qadima ta' La Loyère biss) Fuissé, Genouilly, Germagny, Givry, Granges, Grevilly, Hurigny, Igé, Jalogny, Jambles, Jugy, Jully-lès-Buxy, Lacrost, Laives, Laizé, Lalheue, Leynes, Lournand, Lugny, Mâcon, Malay, Mancey, Martailly-lès-Brancion, Massilly, Mellecey, Mercurey, Messey-sur-Grosne, Milly-Lamartine, Montagny-lès-Buxy, Montbellet, Montceaux-Ragny, Moroges, Nanton, Ozenay, Paris-l'Hôpital, Péronne, Pierreclos, Plottes, Préty, Prissé, Pruzilly, Remigny, La Roche-Vineuse, Romanèche-Thorins, Rosey, Royer, Rully, Saint-Albain, Saint-Ambreuil, Saint-Boil, Saint-Clément-sur-Guye, Saint-Denis-de-Vaux, Saint-Désert, Saint-Gengoux-de-Scissé, Saint-Gengoux-le-National, Saint-Germain-lès-Buxy, Saint-Gervais-sur-Couches, Saint-Gilles, Saint-Jean-de-Trézy, Saint-Jean-de-Vaux, Saint-Léger-sur-Dheune, Saint-Mard-de-Vaux, Saint-Martin-Belle-Roche, Saint-Martin-du-Tartre, Saint-Martin-sous-Montaigu, Saint-Maurice-de-Satonnay, Saint-Maurice-des-Champs, Saint-Maurice-lès-Couches, Saint-Pierre-de-Varennes, Saint-Rémy, Saint-Sernin-du-Plain, Saint-Symphorien-d'Ancelles, Saint-Vallerin, Saint-Vérand, Saint-Ythaire, Saisy, La Salle, Salornay-sur-Guye, Sampigny-lès-

Maranges, Sancé, Santilly, Sassangy, Saules, Savigny-sur-Grosne, Sennecey-le-Grand, Senozan, Sercy, Serrières, Sigy-le-Châtel, Sologny, Solutré-Pouilly, Taizé, Tournus, Uchizy, Varennes-lès-Mâcon, Vaux-en-Pré, Vergisson, Vers, Verzé, Le Villars, La Vineuse sur Fregande (għall-parti li tikkorrispondi għat-territorji tal-muniċipalitajiet antiki ta' Donzy-le-National, Massy u La Vineuse biss), Vinzelles, Viré

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed, tikkonsisti mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2022:

— id-département tal-Yonne:

Aigremont, Annay-sur-Serein, Arcy-sur-Cure, Asquins, Augy, Auxerre, Avallon, Bazarnes, Beine, Bernouil, Béru, Bessy-sur-Cure, Bleigny-le-Carreau, Censy, Chablis, Champlay, Champs-sur-Yonne, Chamvres, La Chapelle-Vaupelteigne, Charentenay, Châtel-Gérard, Chemilly-sur-Serein, Cheney, Chevannes, Chichée, Chitry, Collan, Coulangeron, Coulanges-la-Vineuse, Courgis, Cruzy-le-Châtel, Dannemoine, Deux Rivières, Dyé, Epineuil, Escamps, Escolives-Sainte-Camille, Fleys, Fontenay-près-Chablis, Gy-l'Evêque, Héry, Irancy, Island, Joigny, Jouancy, Junay, Jussy, Lichères-près-Aigremont, Lignorelles, Ligny-le-Châtel, Lucy-sur-Cure, Maligny, Mélisey, Merry-Sec, Migé, Molay, Molosmes, Montigny-la-Resle, Montholon (għall-parti li tikkorrispondi għat-territorji tal-muniċipalitajiet antiki ta' Champvallon, Villiers sur Tholon u Volgré biss), Mouffy, Moulins-en-Tonnerrois, Nitry, Noyers, Ouanne, Paroy-sur-Tholon, Pasilly, Pierre-Perthuis, Poilly-sur-Serein, Pontigny, Préhy, Quenne, Roffey, Rouvray, Saint-Bris-le-Vineux, Saint-Cyr-les-Colons, Saint-Père, Sainte-Pallaye, Sainte-Vertu, Sarry, Senan, Serrigny, Tharoiseau, Tissey, Tonnerre, Tronchoy, Val-de-Mercy, Vallan, Venouse, Venoy, Vermenton, Vézannes, Vézelay, Vézinnes, Villeneuve-Saint-Salves, Villy, Vincelles, Vincelottes, Viviers, Yrouerre

Tikkettar

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

a) It-tikkettar tal-inbejjed li jibbenefikaw mid-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata jista' jispeċifika l-isem ta' unità ġeografika iżgħar bil-kundizzjoni li:

— tkun post katastali;

— tkun fuq id-dikjarazzjoni tal-ħsad.

L-isem tal-post katastali jinkiteb immedjatament wara l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata u jiġi stampat b'ittri li d-daqs tagħhom ma jkunx ogħla u usa' mid-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata.

b) It-tikkettar tal-inbejjed tad-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata jista' jispeċifika l-unità ġeografika ikbar "Vin du Beaujolais" jew "Grand Vin du Beaujolais" jew "Cru du Beaujolais".

Id-daqs tal-ittri tal-unità ġeografika ikbar ma għandux ikun ogħla u usa' minn żewġ terzi tad-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

http://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-1c62365f-4b31-4968-ae2c-015eba7aba0d